TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal Tal-Konsumatur**

**Joseph Cachia**

**Vs**

**Kind's – Auto Sales Limited**

**CCT 166/23/MM**

**Illum,** 14 ta' Mejju 2024

**It-Tribunal**

Ra l-avviz tar-rikorrent ippreżentat fid-19 ta' Settembru 2023 fejn talab is-somma ta' tlett elef u ħames mitt ewro (€3,500).

Ra r-rispsota tas-soċjeta' intimata.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawża.

Sema x-xhieda bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrent jispjega li ħa l-vettura tiegħu għand is-soċjeta' intimata Kinds Auto Sales Ltd stante li kellha xi ħsara. Ir-rikorrenti jispjega li l-vettura kienet kopera b'garanzija ta' ħames (5) snin u l-battery b'garanzija ta' tmien (8) snin liema garanzija bdiet fit-3 ta' Settembru 2020. L-attur jispjega li l-vettura damet wieqfa għat-tiswija matul il-perjodu ta' bejn id-9 ta' April 2023 u l-11 ta' Lulju 2023 u għalhekk qiegħad jitlob li l-garanzija tal-vettura tiġi estiża b'dan li tiġi tagħlaq nhar it-3 ta' Settembru 2025 u l-garanzija tal-battery tiġi estiża b'dan li tiġi tagħlaq nhar it-3 ta' Settembru 2028.

Illi s-soċjeta' intimata irrispondiet billi qalet li:

- t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.
- Illi -soċjeta' Auto Sales Limited mhiex debitriċi ta' Joseph Vachia.
- Iili f'kull każ r-rikorrenti għandu jippresenta provi dwar l-allegat ammont dovut.
- Illi ma hemm ebda raġuni legali għaliex għandhom jiġu estezi l-garanziji li ingħataw.

Illi fis-seduta tal-4 ta' Diċembru 2023. Dan it-Tribunal innota li minkejja li r-rikorrenti qiegħad jitlob l-ammont ta' tlett elef u ħames mitt ewro (€3,500) mingħand is-soċjeta' intimata', huwa ful-fatt mhux kreditur tas-soċjeta' intimata u lanqas hemm xi forma ta' kreditu involut li jrid jiġi determinat mit-Tribunal. Illi seduta stante r-rikorrenti iddikjara li t-talba tiegħu hija limitatament sabiex it-Tribunal jordna lis-soċjeta' intimata testendilu l-garanzija tal-vettura u l-garanzijja tal-battery.

Illi s-soċjeta intimata f'dak l-istadju qajmet l-eċċezzjoni tal-kompetenza ta' dan it-Tribunal li jiddetermina t-talba tar-rikorrent.

**Ikkunsidra**

Illi l-kompetenza tat-Tribunal hija cirkoskritta fl-artikolu 20 tal-Kap. 378 u li skont dan l-artikolu t-Tribunal ghandu kompetenza jisma` u jaqta` talbiet maghmula minn konsumaturi kontra kummercjanti meta l-valur tat-talba, minbarra l-imghax u l-ispejjez, ma jkunx aktar minn għaxart elef ewro u meta t-talba jkollha x`taqsam ma`, tohrog minn jew tkun dwar, sew direttament jew indirettament x-xiri jew kiri minn konsumatur ta` oggetti minghand kummercjant jew dwar l-ghoti ta` servizzi minn kummercjant lill-konsumatur.

Illi fil-fehema tat-Tribunal l-artikolu 20 tal-Kap 378 mhux qiegħad jorbot idejn it-Tribunal għall-kawżi fejn il-mertu jkun purament il-valur. Illi l-valur indikat fl-artikolu 20 huwa biss wieħed mill-kriterji – dak li huwa determinanti huwa li t-talba tkun tohrog minn jew tkun dwar, sew direttament jew indirettament x-xiri jew kiri minn konsumatur ta` oggetti minghand kummercjant jew dwar l-ghoti ta` servizzi minn kummercjant lill-konsumatur.

Illi fil-fatt fl-artikolu 21 tal-istess Kap 378, il-leġislatur ried li li meta jiġu determinati kwistjonijiet f'tilwim lij ikkonċerna dannu mġarrab mill-konsumaturi li jirriżulta minn prattiċi kummerċjali mhux ġusti, it-tribunal għandu jordna rimedji proporzjonati u effettivi, inkluż kumpens għad-dannu mġarrab mill-konsumatur u, fejn rilevanti, tnaqqis fil-prezz jew it-terminazzjoni tal-kuntratt; b'kont meħud ukoll, fejn xieraq, tal-gravità u n-natura tal-prattika kummerċjali mhux ġusta, id-dannu mġarrab mill-konsumaturu ċirkostanzi oħra rilevanti.

Illi dan juri biċ-ċar li l-kompetenza tat-Tribunal hija iżjed usa minn sempliċiment jiddecidi *money claim* iżda fejn meħtieġ għandu jisma u jiddeċiedi ukoll kwistjonijiet li jikkonċernaw il-konsumatur sakemm it-talba tkun tohrog minn jew tkun dwar, sew direttament jew indirettament x-xiri jew kiri minn konsumatur ta` oggetti minghand kummercjant jew dwar l-ghoti ta` servizzi minn kummercjant lill-konsumatur.

**Deċiżjoni**

Ghall-motivi senjalati dan it-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi, jiċħad l-eccezzjonijiet tas-soċjeta' intimata u jordna seduta waħda biss għall-provi kollha.

**Avv. Dr Martha Mifsud**
**Arbitru**